**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 152138** **30.09.2015**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI**

***Il-Gvern huwa kommess biex is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jitilgħu fuq nett tal-prijoritajiet ta' kull ħaddiem, ta' min iħaddem u ta' kull min jaħdem għal rasu***

F'għeluq ta' konferenza bit-tema "Building in Safety" organizzata mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol l-OHSA, b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Ewropea f'dan il-qasam, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili Helena Dalli qalet li wasal iż-żmien li nkattru kultura ta' immaniġjar tar-riskji f'kull post tax-xogħol.

Il-Ministru Dalli spjegat kif minkejja li r-rata ta' inċidenti fuq postijiet tax-xogħol naqset, mhux l-istess ġara fil-qasam tal-kostruzzjoni fejn dan is-settur irreġistra żieda fir-rata ta' inċidenti matul is-snin.

"Hemm bżonn li neliminaw ir-riskji u fl-istess waqt nidentifikaw riskji ġodda jew dawk emerġenti b'serjetà sabiex verament inkunu qed insalvaw ħajjet il-ħaddiema" enfasizzat Helena Dalli.

Semmiet kif ir-responsabbiltà għall-inċidenti hi ta' min qed joħloq ir-riskji, u ta' min, skont il-liġi għandu obbligi ta' ħarsien ta' saħħa u sigurtà.

Filwaqt li saħqet fuq il-ħtieġa li jkun assigurat li jitpoġġew fil-prattika miżuri ta' prevenzjoni adegwati, Dr Dalli qalet li l-Gvern huwa kommess biex is-saħħa u s-sigurtà jitilgħu fuq nett tal-lista tal-prijoritajiet ta' kull ħaddiem, ta' kull min jimpjega n-nies miegħu u ta' kull min jaħdem għal rasu.

Il-Ministru Dalli appellat lin-negozji ż-żgħar biex jinvestu bis-serjetà fis-saħħa u s-sigurtà u mhux iqisu dawn il-miżuri bħala piż żejjed li se jfallihom. Fissret kif fir-realtà, huwa n-nuqqas ta' livelli ta' saħħa u sigurtà li ħafna drabi jwasslu għal inċidenti u jirrovinaw in-negozji.

Enfasizatt ukoll il-bżonn ta' aktar konsultazzjoni ġenwina bejn il-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet sa mill-bidu nett tal-proġett jiġifieri mit-tender u l-pjanta tal-perit, sal-aħħar.

**Attachment: http://ohsa.org.mt/Portals/0/Docs/Press%20Release/2015/pr152138b.JPG**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt